MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 941/2002

**Christef Co. Ltd.**

**-vs-**

**Marco Vella.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha is-scojeta’ attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ **sebat elef, tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm7,810)** u dan skond skrittura hawn annessa, Dok. “A”.

Illi l-istess debitur naqas fis-shih skond il-kondizzjonijiet kif indikati fl-istess skrittura.

Li jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-terminu tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

a. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-terminu tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u

b. tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' sebat elef, tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm7,810) hlas dovut skond l-iskrittura hawn annessa Dok. "A" rapprezentanti kirjiet ta' garaxx.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-21 ta' Marzu, 2002, inkluz tal-mandati 1694/02 u 1695/02, kontra l-konvenut li jibqa' ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Anthony Cardona ID 406952(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas illi jippresenta nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci skond il-ligi.

Semghet lill-attur fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2004 u rat il-verbal tal-istess data li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat.

Illi d-deposizzjoni tal-attur ma gietx kontradetta, izda l-Qorti ma setghatx tilqa' l-ewwel talba billi ghaddew it-termini imposti mill-arikli 167 sa 170 tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi l-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba izda tilqa' t-tieni talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef tmien mija u ghaxar liri Maltin, oltre imghaxijiet mill-21 ta' Marzu 2002.**

**L-ispejjes tal-kawza u tal-mandati imsemmija fic-citazzjoni ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------